

## V

(Avviżi)

PROCĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA  
TAL-KOMPETIZZJONI

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.7759 — OMERS/AIMCo/ERM)

## Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2015/C 385/06)

1. Fit-12 ta' Novembru 2015, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup> li permezz tagħha l-impriża Alberta Investment Management Corporation fisem ċerti klijenti tagħha (il-Kanada, "AIMCo"), u OCP Investment Corporation, li tappartjeni lil OMERS Group (il-Kanada, "OMERS"), jakkwistaw fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll tal-impriża ERM Worldwide Group Limited kollha kemm hi (il-Kanada, "ERM") permezz ta' ftehim b'għażla.
2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża kkonċernati huma:
  - OMERS huwa l-amministratur ta' Ontario Municipal Employees Retirement System Primary Pension Plan u fiduċjarju tal-fondi tal-pensjoni. Hija tamministra portafoll globali diversifikat tal-istokks u tal-bonds kif ukoll proprjeta immobbli, ekwità privata u investimenti fl-infrastruttura.
  - AIMCo hija waħda mill-akbar manager tal-fondi tal-investiment istituzzjonali u l-aktar divesrifikata tal-Kanada li tinvesti globalment fisem il-klijenti tagħha, bosta pensjonijiet, fondi ta' dotazzjoni u tal-gvern fil-Provinċja ta' Alberta.
  - ERM hija fornitur globali ta' servizzi ambjentali, tas-saħħa, is-sikurezza, ir-riskju u dawk ta' konsulenza soċjali ("EHS").
3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(2)</sup>, ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.
4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-e-Mail lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bin-numru ta' referenza M.7759 — OMERS/AIMCo/ERM, fl-indirizz li ġej:

European Commission  
Directorate-General for Competition  
Merger Registry  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

<sup>(2)</sup> ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.